



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 15 ta' Ottubru 2012 (18.10)
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0380(COD)**

**14438/1/12
REV 1**

**PECHE 383
CADREFIN 414
CODEC 2270**

RAPPORT RIVEDUT

Minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
Lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	17870/11 PECHE 368 CADREFIN 162 CODEC 2255 - COM(2011) 804 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata - Approċċ Ġenerali Parzjali

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-2 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Fond Ewropew ġdid għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEAMS). Din il-proposta kienet ippreżentata uffiċjalment lill-Kunsill matul il-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2011.
2. Il-proposta dwar il-FEAMS għandha titqies fil-kuntest tal-proposta tal-Kummissjoni għal qafas finanzjarju pluriennali għall-2014-2020 kif ukoll il-pakkett għar-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) li hija mfassla biex tistabbilixxi l-qafas leġislattiv għall-istess perijodu. L-oġettiv ġenerali tal-FEAMS huwa li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-PKS u li jiżviluppa aktar il-Politika Marittima Integrata (PMI) tal-UE.

Id-dispożizzjonijiet proċedurali komuni huma stabbiliti fi proposta għal Regolament orizzontali¹.

Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li l-biċċa l-kbira tal-istrumenti attwali tal-PKS u tal-PMI jiġu integrati f'fond wieħed, bl-eċċezzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd u l-kontribuzzjoni obbligatorja għall-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (ORGS).

3. Bejn Jannar u Lulju ta' din is-sena, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd wettaq qari tal-proposta. Għabra fil-qosor tal-kummenti speċifiċi magħmula mid-delegazzjonijiet matul dan il-proċess tinsab f'verzjoni annotata tal-proposta².
4. Id-delegazzjoni Franċiża, Olandiża, Slovena u dik tar-Renju Unit daħħlu riżervi ta' skrutinju Parlamentari.
5. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew hija attwalment skedata għal Jannar 2013.
6. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Mejju 2012.
7. Sabiex il-ħidma tal-korpi preparatorji tiegħu tingħata direzzjoni u tiġi aċċellerata, f'Marzu, Mejju u Settembru, il-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" kellu dibattiti ta' orjentazzjoni bbażati fuq il-mistoqsijiet tal-Presidenza³.
8. L-ewwel dibattitu wera li d-delegazzjonijiet jixtiequ jaraw lill-FEAMS jagħmlu aktar, b'mod partikolari biex jinkludi: xi miżuri għar-ristrutturar tal-flotta, enfasi aktar b'saħħitha fuq l-akkwakultura, inkluż appoġġ lil faċilitajiet eżistenti, aktar miżuri għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni u l-appoġġ finanzjarju għall-piż enormi tal-attivitàjiet relatati mas-sajd li jirriżulta minn NATURA 2000 u d-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima fil-FEAMS. Tħassib ġenerali huwa li r-regoli amministrattivi huma kumplessi wisq u jeħtieġ jiġu ssimplifikati.

¹ Ara d-dokument 15243/11 FSTR 49 FC 39 REGIO 83 SOC 859 AGRISTR 56 PECHE 279 CADREFIN 87 CODEC 1632

² Ara d-dokument 9069/3/12 PECHE 128 CADREFIN 208 CODEC 1058 REV 3

³ Ara d-dokumenti 7076/12 PECHE 63 CADREFIN 116 CODEC 519, 9153/12 PECHE 132 CADREFIN 216 CODEC 1079 u 12833/1/12 REV 1 PECHE 291 CADREFIN 364 CODEC 1965.

9. Id-dibattitu tal-Kunsill f'Mejju wera sodisfazzjoni ġenerali dwar il-finanzjament globali propost li għandu jkun adegwat biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-PKS riformata. Xi delegazzjonijiet jappellaw għal flessibbiltà li tippermetti trasferimenti, jekk meħtieġ, bejn iż-żewġ intestaturi. Madankollu, kien hemm mistoqsijiet rigward l-allokazzjoni proposta taħt ġestjoni diretta. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna tiċċara l-kontenut tal-kriterji tal-allokazzjoni u l-piż tagħhom.
10. Il-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" ta' Ġunju ħa nota tar-rapport ta' progress⁴ li stabbilixxa l-kwistjonijiet pendenti ewlenin fit-taqsima tas-sajd. Ir-rapport għamilha ċara wkoll li ma saru l-ebda diskussjonijiet profondi dwar il-premessi, id-definizzjonijiet u l-għażla u l-formulazzjoni tas-setgħat tal-Kummissjoni biex jiġu adottati atti delegati jew ta' implimentazzjoni.
11. Fit-tielet dibattitu ta' orjentazzjoni li sar f'Settembru, il-fehma konsenswali kienet li hija meħtieġa flessibbiltà bejn l-intestaturi differenti fil-ġestjoni konġunta, b'numru ta' delegazzjonijiet jesprimu tħassib li flessibbiltà bħal din ma għandhiex tkun ta' detriment għall-għir tad-data u l-kontrolli. Barra minn hekk, ħafna delegazzjonijiet tennew l-appelli tagħhom mid-dibattitu ta' orjentazzjoni ta' Marzu għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' xi miżuri għar-ristrutturar tal-flotta. Numru ta' delegazzjonijiet kienu xettiċi jew inkella kontra ideat bħal dawn. Xi delegazzjonijiet ħadu wkoll l-oportunità sabiex għal darba oħra jesprimu t-tħassib tagħhom dwar ir-regoli amministrattivi, billi argumentaw li dawn għandhom jiġu bbażati fuq il-mudell għall-fondi strutturali minflok fuq il-mudell għall-fond għall-iżvilupp rurali⁵.

II. THEJJJIET GĦAL APPROĊĊ ĠENERALI PARZJALI

12. Minn Mejju 2012, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna tas-Sajd wettaq analiżi dettaljata ħafna tal-abbozz ta' emendi proposti mill-Presidenza sabiex titħejja pożizzjoni futura tal-Kunsill.

⁴ Ara d-dokument 10276/1/12 REV 1 PECHE 180 CADREFIN 265 CODEC 1407

⁵ Ara d-dokument 13824/12 (Pożizzjoni konġunta tal-Awstrija, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, Malta, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja). Il-laqgħa informali tad-Direttur Ġenerali tas-Sajd, fil-11-13 ta' Settembru 2012 f'Ċipru, iddiskutiet ukoll is-sistema ta' għoti.

13. L-emendi ppreżentati jikkonċernaw l-Artikoli 1-95 u l-Annessi I u III ("il-parti dwar is-sajd") li jirrappreżentaw il-kamp ta' applikazzjoni previst ta' approċċ ġenerali parzjali.
14. Il-Presidenza ħalliet fil-ġenb haġna mill-aspetti tar-regoli amministrattivi, primarjament minħabba nuqqas ta' ħin, iżda wkoll minħabba d-diskussjonijiet li għadhom għaddejjin dwar ir-Regolament orrizzontali. Ma saru l-ebda diskussjonijiet profondi dwar il-premessi, id-definizzjonijiet u l-għażla u l-formulazzjoni tas-setgħat tal-Kummissjoni biex jiġu adottati atti delegati jew ta' implimentazzjoni.
15. L-emendi tal-Presidenza ġew elaborati abbażi ta' kummenti magħmula mid-delegazzjonijiet u ngħataw direzzjoni mir-Rapport ta' progress kif ukoll minn għadd kummenti bil-miktub dwar l-emendi li tressqu gradwalment.
16. Għalkemm formalment ma ntlaħaq l-ebdaqbil, l-emendi proposti jidhru li laħqu livell ta' maturità, fejn huwa xieraq biex jitkomplew id-diskussjonijiet fil-livell tal-Kunsill.
17. Id-diskussjonijiet fil-livell tal-COREPER tat-12 ta' Ottubru 2012 ippermettew lill-Presidenza tidentifika serje ta' Artikoli meqjusa li għandhom biżżejjed appoġġ u ma jeħtieġx li jiġu diskussi fil-livell tal-Kunsill, jiġifieri l-Artikoli 1-3, 8-12, 18, 19, 21-23, 25-31, 34-38, 40, 41, 43, 45-50, 53-56, 58-69, 71-79, 79bis u 80-93.
18. Il-Kunsill huwa mistieden jeżamina l-kompromess tal-Presidenza kif jinsab fid-dokument 14439/1/12 REV 1 PECHE 384 CADREFIN 415 CODEC 2271.